# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn l-1 ta' Marzu, 2021**

**Numru 7**

**Rikors Numru 1008/20TA**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Carmelo u Anna mizzewgin Ciantar (K.I. numru 558552 (M) u 818156 (M)) u Chaudron Company Limited (C-14331)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Bank rikorrent tal-4 ta' Novembru 2020;

Rat ir-risposta tal-intimati tal-4 ta' Diċembru 2020;

Rat l-atti, dokumenti u provi kollha inkonnessjoni ma' dawn il-proċeduri;

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tat-8 ta' Frar 2021;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet fil-miftuħ għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda billi tqiegħed din il-vertenza fil-perspettiva legali tagħha billi tagħmel referenza għas-Sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et deċiża fl-1 ta' April, 2002** fejn intqal hekk:

*"Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-esistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa 4 dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smiegħ. Illi fil-fatt tant huwa minnu dan li huwa biss ai termini tal-Artikolu 259(4) f'każ ta' proċeduri da parte tal-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri, li l-liġi teħtieġ li l-istess rikors jiġi notifikat lid-debitur jew lill-eredi, ċessjonarji jew suċċessuri tiegħu, u dan allura jikkonferma it-teżi li f'dan il-każ, li ma jaqax taħt l-Artikolu 259 (4) appena ċitat, l-unika eżami li trid tagħmel l-istess Qorti hija biss li tara l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li r-rikorrenti jikkonferma bil-ġurament li d-debitu jew parti minnu għadu dovut"*.

Aktar minn hekk, intqal kemm-il darba, li ġaladarba jkunu sodisfatti l-elementi rikjesti taħt artikolu 258(a) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, f'dan il-każ, titolu naxxenti minn Sentenza tal-Qrati Superjuri, ir-rikorrenti ma jkunx

qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġja kanonizzat bis-sentenza preċedenti (ara f'dan is-sens **Deċiżjoni fl-ismijiet John Portelli nomine -vs- Henry Azzopardi proprio et nomine, Appell, 29 ta' Mejju 1997** u kif ukoll **Sentenza fl-ismijiet Pace George -v- Gauci Charles tal-24 ta' Novembru 2004 PA per Imħallef Philip Sciberras**).

F'din il-proċedura l-Qorti kellha opportunita' tisma' kemm lill-Bank Rikorrent u kif ukoll lill-intimat u tinsab konvinta, li għalkemm għaddew 21 sena minn meta ingħatat is-Sentenza, ma hemm xejn li jindika li l-Bank rikorrent tilef id-dritt li jirraviva l-effetti esekuttivi tat-titolu ottenut minnu b'dik is-Sentenza (ara Dok A a' fol 2). L-importanti hu li r-rikors għal dawn il-proċeduri ma jsirx qabel 15-il sena minn meta s-Sentenza inkwistjoni marret in ġudikat u ma għaddewx 30 sena minn fuq l-istess Sentenza.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-intimati dwar ir-ritwalita' tar-rikors. Wara li eżaminat l-atti din il-Qorti ma ssib xejn ċensurabbli fir-rikors tal-Bank Attur. Huwa rikors ġuramentat u li fih hemm dikjarat li l-ammont għadu dovut u saħansitra kemm hu ammont dovut meta kull ma titlob il-liġi hu li l-ammont jew parti minnu għadu dovut. Kif jgħallmu dawn il-Qrati mhux kompitu ta' din il-Qorti li tindaga dwar l-ammont kannonizzat. Din il-Qorti xogħolha huwa biss li tara li dak li jitlob l-artikolu inkwistjoni qed ikun osservat. B'dan ma jfissirx li jekk meta l-Bank rikorrent jottjeni l-mandati esekuttivi, dejjem

jekk ikun il-każ, l-intimati ma għandhomx rimedji fil-liġi biex jikkontestaw il-kwantum ta' dak li jkun qiegħed ikun mitlub.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrent kif mitluba fir-rikors tiegħu tal-4 ta' Novembru 2020.

Bl-ispejjeż a` karigu tal-intimati.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**